# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tnejn, 19 t'Ottubru, 2015**

**Mandat Numru : 1499/2015/1 JPG**

**Calleja Limited C5717, gia E Calleja & Sons Limited**

**Vs**

**Daphne Vassallo bint Nicholas u Grace nee' Vassallo imwielda l-Pieta' u residenti Siggiewi detentrici tal-karta tal-identita' numru 35581M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Calleja Limited tat-23 ta'Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti.*

*Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm l-intimat milli b'xi mod tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratwitu xi propjeta', kif ukoll milli b'xi mod tghabbi jew taggrava b'dejn jew obbligazzjoni l-fondi:*

1. *L-appartament internament immarkat numru hamsa li qieghed fil-livell numru erbgha (ossia second floor) tal-blokk bini maghruf bhala HalMann Apartments liema blokk qieghed fi Triq Maestro Giuseppe Camilleri fis-Swatar, Birkirkara liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu konfinanti dan l-*

*appartament mill-irjieh kollha ma' propjeta' tal-Kumpanija HalMann Construction Limited;*

2. *Kif ukoll il-garage immarkat mhux ufficjalment ittra A numru A8 sitwata f'semi basement level sottopost ghall-beni ta' terzi formanti parti minn l-istess kumpless maghruf bhala HalMann Apartaments fl-istess Triq Maestro Giuseppe Camilleri is-Swatar, Birkirkara konfinanti mill-irjieh kollha ma' propjeta' ta' HalMann Construction Limited;*

3. *Il-propjetajiet huma mibnija fuq porzjoni art b'faccata fuq Triq Maestro Camilleri u formanti parti mill-artijiet maghrufa tal-Qattus kontrada tas-Swatar limiti ta'Birkirkara gieli riferuta bhala Msida u tmiss fl-intier taghha mill-Punent mat-triq imsemmija, mill-Majjistral ma' propjeta' ta' Raymond Vella u mix-Xlokk ma' triq ohra progetta bla isem jew irjieh verjuri;*

*Din il-propjeta' hija formanti minn korp ta'bini li fih hames livelli ta'bini u konsistenti f'livell ta' garages li huwa maghruf bhala l-garages level (livell numru wiehed), tliet maisonettes u store fil-groundfloor level (livell numru tnejn) tliet appartamenti fil-first floor level (livell numru tlieta), tliet appartamenti ohra fis-second floor level (livell numru erbgha) u appartament wiehed fit-third floor level (livell numru hamsa);*

*Illi hlief ghal-livell numru wiehed u parti mil-livell numru hamsa l-istess propjeta' tinbiegh bhala sottoposta u fl-istess hin sovrapposta ghall-beni ta' terzi. Livell numru wiehed mhux sovrapost ghall-beni ta' terzi waqt li livell numru hamsa cioe fejn mibnija l-appartament numru disgha (9) jinkludi l-arja tat-terrazzini.'*

*Illi l-intimata kienet impjegata mas-socjeta' rikorrenti u kienet responsabbli illi tircievi flus kontanti; l-intimata kienet effettivament responsabbli li tircievi pagamenti u tiddepozita l-istess il-Bank;*

*Illi irrizulta in segwitu li permezz ta' function partikolari fis-sistema interna tas-software tas-socjeta' attrici l-intimata irnexxielha tiddeattiva l-command li permezz tieghu kien ikun hemm konformita' jew autoverifika tal-ammont u dettalji ricevuti bhal cash/kontanti mal-ammont ippreparat ghall-bank;*

*Illi ghal dan in-nuqqas hija responsabbli unikament l-intimata u ghalhekk is-socjeta' esponenti ipprosegwiet bil-kawza opportuna citazzjoni numru 607/2002AF pendenti quddiem din il-Qorti u ghalhekk mill-premess jirrizulta l-prima facie dritt u l-pregudizzju irrimedjabbli li ser issofru l-esponenti kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti ma tohrogx l-istess mandat;*

*Illi din il-pretensjoni tinsab diga' kawtelata in parte fuq ammont, permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni iehor fuq iz-zewg propjetajiet indikati, u cioe' l-mandat numru 330/2003 flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1029/2002 u l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq kwalsiasi proprieta' bin-numru 1028/2002. Jirrizulta li inhareg ukoll Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 330/2003 fuq iz-zewg proprjetajiet indikati; dawn ghadhom in vigore u l-intimata qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq kwalsiasi propjeta', ir-revoka tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju u r-revoka parzjali fuq il-Mandat ta' Inibizzjoni 330/2003 f'dak li jolqot iz-zewg propjetajiet; liema proceduri qed jinstemghu kontestwalment permezz ta' Rikorsi numerati 831/15AF, 832/15AF u 833/15AF, li gew rikjamati ghall-24 ta'Settembru 2015; it-talbiet ghar-revoka qed jigu kontestati mis-socjeta' esponenti;*

*Illi fid-dawl ta' dawn it-talbiet ghar-revoka, qed jintalab ukoll il-hrug ta' Mandat ta'Inibizzjoni fuq dawn iz-zewg proprjetajiet biex jikkawtelaw l-imghaxijiet, circa €33,707 u circa €3,000 fi spejjez gudizzjarji maturati mill-2002, u bir-riserva li jigu kwantifikati bid-dettal; anzi ghall-precizjoni qed tigi kalkulata il-pretensjoni li tinkludi imghaxijiet futuri sal-2020, fuq bazi ta' previzjoni ta' meta l-kawza tista' tigi finalment deciza; dan ghaliex il-kawtela originali kienet bazata fuq il-mument tal-hrug, cioe' 2002, originarjament mahruga fuq Lm 10,049 u ma hadet ebda konsiderazzjoni ta' imghaxijiet illi llum immaturaw u anqas dawk future. Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, qed tintalab, din il-kawtela addizzjonali u bla pregudizzju ghal dik ezistenti. L-esponenti tikkontendi illi huwa legittimu illi jigi kawtelat anke imghax ragonevolment futur;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni sabiex izommu l-intimati milli jkomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet tat-23 ta' Settembru 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-12 t'Ottubru 2015 1:15pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Daphne Vassallo tad-29 ta' Settemebru 2015 li taqra hekk:

*"Illi nhar il-Gimgha 25 ta' Settembru 2015, l-epsonenti tat ruhha b'notifkata ghal mandat ta'inibizzjoni odjern*

*Illi ma din ir-risposta qed titressaq ukoll talba permezz ta' rikors opportun lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogghobha tordna illi jigu allegati l-atti tal-proceduri ghal revoka ta' tlett mandati kawtelatorji gia'mahruga fl-istess ismijiet (kif ser jigi indikat aktar il-quddiem), liema proceduri igibu in-numri Rikors Numru 831/2015 AF, Rikors Numru 832/2015 AF u Rikors Numru 833/2015 AF; kif ukoll illi dan il-mandat odjern jigi assenjat u trattat quddiem dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presedut mill-Onor. Imhallef Dr. Anna Felice LL.D., li quddiemha qed jigi trattat il-mertu tal-kawza relattiva kif ukoll jinsabu pendenti il-proceduri ghar-revoka ta' tlett mandati mahruga fl-istess ismijiet.*

*Illi qabel xejn l-esponenti tixtieq illi taghti l-isfond li fih sar dan il-mandat odjern b'mod frivolu u vessatorju minn naha tas-soceta attrici.*

*Illi s-socjeta attrici gia' talbet u ottjniet kontra l-istess esponenti xejn anqas minn tlett mandati kawtelatorji ohra u cioe':-*

- *Mandat ta' Sekwestru Numru 1029/02*
- *Mandat ta'Inibizzjoni Numru 1028/02 li inhareg b'mod generali fuq il-propjeta'in generali li ghandha l-esponenti;*
- *Mandat ta' Inibizzjoni Numru 330/03 li qed jolqot l-istess propjeta' imsemmija fil-mandat odjern.*

*Illi fit-3 ta' Settembru 2015 l-esponenti intavolat tlett proceduri fejn talbet ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1029/02, ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoru 1028/02 u r-revoka in parte tal-mandat ta' Inibizzjoni Numru 330/03 in kwantu dan jolqot il-maisonette hemmhekk indikat.*

*Illi tali proceduri ghal revoka intalbu ai termini ta'l-Artikolu 836 (1) (c) (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta.*

*Dawn il-proceduri igibu in-numri Rikors Numru 831/2015AF, Rikors Numru 832/2015AF u Rikors Numru 833/2015AF u jinsabu pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Anna Felice LL.D.*

*Kontestwalment ma'dawn l-istess proceduri imsemmija saret ukoll cedola b'garanzija bankarja fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf u tmien mija u hmistax-il Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€23,815.51) li iggib in-numru ta' riferenza G17TFC41061. Sussegwentement u anke in vista tac-cirkostanzi odjerni din il-garanzija giet sostitwita b'ohra u mizjuda ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf tmien mija u hmistax-il Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€28,815.51).*

*Illi inoltre abazi ta' valutazzjoni maghmula mill-Perit Arkitett Matthew Briffa datata 27 ta' Awissu 2015, annessa ukoll ma'l-istess proceduri ghal revoka, gie ccertifikat ukoll illi l-valur tal-garaxx fl-intier mizmum fl-istess mandat ta' inibizzjoni huwa ta'tmienja u erbghin elf Ewro (€48,000).*

*Illi appuntu kien abazi ta'dan kollu illi saru il-proceduri ghar-revoka tal-mandati kif fuq imsemmi u dana stante illi meta jinghadd il-valur tas-sehem ta'nofs indiviz li l-esponenti ghandha mill-garaxx flimkien mal-ammont imsemmi fil-garanzija bankarja, wiehed jasal ghal konkluzjoni illi hemm garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta'l-attrici u fi kwalunkwe kazmahux ragjonevoli illi dawn l-istess mandati kawtelatorji jinzammu aktar fis-sehh u li huma ma humiex aktar mehtiega jew gustifikabbli.*

*Illi fl-isfond ta' dan kollu, is-socjeta attrici <u>bl-aktar mod frivolu u vessatorju</u> talbet il-hrug tal-mandat odjern li gie intavolat fit-23 ta' Settembru 2015 <u>ezattament lejliet is-</u>*

*<u>smiegh tal-proceduri ghar-revoka hawn fuq imsemmija</u> u dana sabiex kemm il-darba kellhom jintlaqghu dawn il-proceduri xorta wahda l-esponenti tigi (u sa issa tinsab) inibita milli tbiegh il-maisonette imsemmi fl-istess mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi l-mandat odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta attrici u dana ghar-ragunijiet segwenti:-*

*Illi fil-kaz odjern la hemm prima facie dritt u lanqas pregudizzju inimedjabbli kif qed jigi allegat mir-rikorrenti stante illi kif diga'gie sollevat aktar il-fuq l-pretensjoni tal-attrici, inkluz anke l-imghax u spejjez diga' jinsabu kawtelati sew stante illi l-garanziji offerti gia' hadu hsieb li ikopru dan kollu.*

*Illi fil-mument meta nhareg u ntalab dan il-mandat odjern kien ghad hemm u sal-lum ghadhom hemm xejn anqas minn tlett mandati kawtelatorji ohra u cioe' mandat ta' sekwestru u zewg mandati ta'inibizzjoni kif fuq spjegat, b'mandat ta'inibizzjoni minnhom li qed izomm l-istess propjeta' li issa regghet tinsab kolpita addirittura bil-mandat ta' inibizzjoni odjern.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess anke fl-eventwalita' illi it-talbiet ghal revoka tal-mandati imsemmrja jintlaqghu xorta wahda il-garanzija bankarja flimkien mas-sehem tal-garaxx fuq imsemmi joffru flimkien garanzija xierqa. F'dan ir-rigward huwa interessanti illi wiehed jinnota illi fil-premessi tal-mandat ta'inibizzjoni odjern imkien ma ssemmiet il-garanzija bankarja li giet depozitata mill-esponenti bhala garanzija xierqa ghall-pretensjoni attrici.*

*Illi minghajr pregudizzju, ghas-suespost bir-rispett kollu huwa kontrassens dak li qed jinghad mill-attrici fil-premessi guramentati minnha fil-mandat odjern fejn qalet hekk illi "fid-dawl ta' dawn it-talbiet,ghar-revoka, qed jintalab ukoll il-hrug ta'Mandat ta' Inibizzjoni fuq dawn iz-zewg propjetajiet.." Fir-realta' dan ma hu xejn ghajr molteplikazzjoni tal-proceduri u spejjez bla bzonn. Mela li qed tghid l-attrici huwa dan - peress illi l-esponenti ressqet talbiet ghal revoka ta'mandati, jiena ser nitlob il-hrug ta'mandat iehor. Bir-rispett kollu dan ma ireggiex. Certament illi din l-attitudni abbuziva da parti tas-socjeta rikorrenti ghandha tkun censurata.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat ukoll illi l-pretensjoni hija wahda eccessiva u surreali u dana peress illi qed jintalab imghax li ghadu fuq kollox ma mmaturax stante illi ghad ma hemm l-ebda pronunzjament td gudizzju u aktar minn hekk dan l-imghax qed jigi kkalkolat addirittura jehodna anke fil-futur; gie kalkolat minn qabel sas-sena 2020 hekk kif intqal fl-istess premessi tal-mandat odjern, fi kliem f-istess attrici bi "previzjoni ta' meta il-kawza tista' tigi finalment deciza".Anke hawnhekk ghal darbohra bir-rispett kollu l-esponenti thoss illi l-attrici qabzet il-linja tar-ragionevolezza. Dan mhu xejn ghajr eccessivita'!*

*Illi minn dan kollu jidher car illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex il-mandat ta' inibizzjoni odjern ma jintlaqax.*

*Ghaldaqstant u ghar-raguniiet hawn premessi l-esponenti qed titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghbha tichad it-talba ta' l-attrici ghall-hrug tal-mandat odjern bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta attrici. B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-istess esponenti skond il-ligi inkluz anke dik dwar danni."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti Calleja, permezz ta' din il-procedura ta' Mandat t'Inibizzjoni, talab lil Qorti tohrog tali inibizzjoni fuq il-bejgh t'appartament numru hamsa HalMann Apartments Triq Maestro Giuseppe Camilleri fis-Swatar, Birkirkara, u l-*garage* maghruf Tal-Qattus, Kontrada, Tas-Swatar fl-istess Triq Maestro Giuseppe Camilleri s-Swatar, Birkirkara.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti iddikjara illi l-intimata kienet impjegata tas-socjeta' u responsabbli li tircievi pagamenti u tiddepozita' il-bank. Permezz ta' din il-kariga hija rnexxielha tiddeattiva il-*command* fis-*software* li permezz tieghu jkun hemm autoverifika tal-ammont ricevut u dak ippreparat biex jigi depozitat il-bank.

Is-socjeta' rikorrenti sostniet illi minkejja illi hija gia ghandha, bhala sigurta' ghal jedd *prima face* fl-ammont ta' €23,407.87 il-Mandat t'Inibizzjoni fuq iz-zewg proprjetajiet indikati 330/03; Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1029/02 u Mandat t'Inibizzjoni fuq kwalsiasi proprjeta' 1028/02. L-intimata qed titlob r-revoka ta' mandati 1028/02, 1029/02 u revoka parzjali ta' 330/03.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, s-socjeta' rikorrenti talbet il-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni ulterjuri, biex jikkawtela l-imghaxijiet f'ammont ta' tlieta u tletin elf sebgha mija u sebgha Ewro (€33,707) sas-sena 2020 u spejjez gudizzjarji circa tlett elef Ewro (€3,000).

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993 -** Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hruq ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti taghraf illi din il-procedura m'hi xejn iktar minn manuvra bazata fuq pretenzjoni fittizzja (cioe' - ghal imghaxijiet futuri sa 2020!), sabiex iggib fix-xejn kwalunkwe revoka ghad-diversi mandati gia in vigore fuq il-mobbli u immobbli tal-intimata. Dana minkejja il-fatt illi l-intimata ghamlet garanzija bankarja ta' tmienja u ghoxrin elf tmien mija u hmistax –il Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€28,815.51) a fol. 3 u pproduciet stima tal-garage fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf Ewro (€48,000).

**Irid jigi mfakkar illi l-jedd *prima face* li s-socjeta' rikorrenti trid tikkawtela huwa fl-ammont ta' €23,407.87 u ggib is-sena 2002.**

Il-Qorti rat id-diversi mandati mahruga fuq talba tas-socjeta' rikorrenti li ghadhom in vigour u jolqtu l-proprjeta' immobbli u mobbli tal-intimata. Ghaldaqstant tqis li s-socjeta' rikorrenti naqset milli tipprova il-hsara irrimedjabbli li hija ser issofri kemm-il darba ma johrog dan il-mandat. Il-provi juru l-kontrarju ta' dan u l-Qorti tqis li l-jedd pretiz mis-socjeta' rikorrenti huwa ben sikurat.

In vista ta' dana kollu il-Qorti tichad t-talba tas-socjeta' rikorrenti;

Tirrevoka d-digriet provvizorju taghha tat-23 ta' Settembru 2015;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Moghti kameralment illum 19 t'Ottubru, 2015.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**